GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU, TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA U IMPJEGABILITA'

Heritage Malta

# Aċċess għas-Siti Preistoriċi għall-Proġett tal-Istudji Soċjali

Bħas-snin li għaddew Heritage Malta qed toffri aċċess għas-siti preistoriċi biex isir il-proġett tas-Sitt Sena tal-Primarja. Is-siti fejn jista' jsir il-proġett huma:

- Park Arkeoloġiku ta' Ħaġar Qim, il-Qrendi
- Kumpless Preistoriku ta' Ħal Tarxien, Ħal Tarxien
- Park Arkeoloġiku tal-Ġgantija, ix-Xagħra, Għawdex

Biex wieħed jibbukkja s-siti irid jimla l-applikazzjoni onlajn fuq https://schoolbooking.heritagemalta.mt/. Il-booking tiegħek ma jiġix aċċettat sakemm tasal email ta' konferma minn Heritage Malta.

Id-dokumenti marbuta mal-proġett tal-istudji soċjali jinsabu fuq is-sit uffiċjali tas-suġġett: https://primarysocialstudies.skola.edu.mt/?page_id=2744

Dwar il-fieldwork:

1. Fis-siti jistgħu jidħlu sa 50 student f'ġurnata (inkluż għalliema u LSE – **massimu ta' 25-il persuna f'kull sessjoni**).

2. Is-sessjonijiet jibdew fid-9.30am jew fil-11:00

3. Il-bookings jibqgħu sejrin sal-aħħar ta' Mejju.

4. Ħaġar Qim u l-Ġgantija huma aċċessibbli sa ċertu punt; fiċ-ċentru tal-viżitaturi m'hemmx problema imma jista' jkun hemm xi diffikultajiet biex wieħed jidħol fis-siti preistoriċi minħabba li f'ċertu partijiet l-art mhijiex lixxa minkejja li hemm rampi u walkways. Il-Kumpless Preistoriku ta' Ħal Tarxien huma aċċessibbli, iżda ċertu partijiet tal-walkway huma dojoq u għalhekk jista` jintuża siġġu tar-roti apposta li huwa pprovdut mis-sit stess. Dan għandu jiġi bbukkjat meta l-għalliem jagħmel il-booking.

5. Matul iż-żjara għandhom jiġu segwiti r-regolamenti kollha maħruġa minn Heritage Malta. Ir-regolamenti jinsabu fuq il-websajt: www.heritagemalta.org.

6. L-istudenti huma mistennija li jkollhom magħhom:

   (i) kopja tal-fieldwork; noti uffiċjali li jinsabu fuq il-websajt: http://primarysocialstudies.skola.edu.mt,

(ii) żewġ lapsijiet

(iii) field-board biex jiktbu fuqha.

7. Billi dan il-fieldwork jifforma parti mill-assessjar uffiċjali tal-aħħar tas-sena, is-sessjoni titmexxa mill-għalliem/a tal-klassi u fl-ebda ħin l-istudenti m'għandhom jitolbu l-għajnuna tal-impjegati ta' Heritage Malta li jkunu qegħdin jaqdu dmirhom fuq is-sit. **Dan il-fieldwork ma jistax isir bl-għanjuna ta' gwidi**.

8. Il-fieldwork ta' Ħaġar Qim ma jinkludix l-Mnajdra.

9. Skejjel f'Malta jistgħu jagħżlu li jagħmlu l-fieldwork tal-Ġgantija, flok dak ta' Ħaġar Qim jew Ħal-Tarxien u l-istess l-iskejjel Għawdxin jistgħu jagħżlu li jagħmlu l-fieldwork f'Malta.

10. It-trasport lejn is-sit u lura lejn l-iskola huwa responsabbiltà tal-iskejjel.

Grazzi tal-kooperazzjoni,

Christian Formosa
christian.formosa@ilearn.edu.mt